



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 4 ta' Mejju 2010 (05.05)
(OR. en)**

9282/10

CO EUR-PREP 20

NOTA

minn:	Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	COREPER/Kunsill Affarijiet Ġenerali
Suġġett:	<i>Kunsill Ewropew (17 ta' Ġunju 2010)</i> <i>– Abbozz ta' aġenda annotata</i>

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li jkollu l-Preżidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, li jistabbilixxi l-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fis-17 ta' Ġunju 2010.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

o
o o

Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu l-intenzjoni li jillimita l-aġenda tal-Kunsill Ewropew għall-punti li ser jiġu fil-fatt eżaminati mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern. Il-konklużjonijiet tal-laqgħa ser ikunu qosra u ser jiffokaw prinċipalment fuq id-deċiżjonijiet u l-linji ta' politika ġenerali approvati mill-Kunsill Ewropew.

o
o o

I. EWROPA 2020: STRATEĠIJA EWROPEA ĠDIDA GĦALL-IMPJIEGI U T-TKABBIR

B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu tal-25/26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew ser jadotta l-EWROPA 2020 - l-istrateġija Ewropea ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir. B'mod partikolari, huwa mistieden jagħti approvazzjoni politika għal-Linji Gwida Integrati; jiffinalizza l-miri ewlenin fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali/it-tnaqqis tal-faqar; jevalwa l-ħidma li saret dwar il-miri nazzjonali li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri; u jevalwa l-ħidma li qed issir dwar l-ostakoli li qed irażżnu t-tkabbir.

B'rabta ma' dan, fil-Kunsill Ewropew ser isir skambju ta' fehmiet dwar kif l-Unjoni tista' tittratta bl-aħjar mod l-isfidi urġenti tal-kompetittività u t-titjib tal-livelli tat-tkabbir. Il-Kunsill Ewropew ser janalizza d-diskussjonijiet dwar kif għandha tkompli titjeb il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, b'kont meħud tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju u t-tnedija tat-Task Force. Huwa ser ikun infurmat bil-ħidma tal-Kunsill dwar strateġiji ta' ħruġ.

II. SUMMIT TAL-G20 F'TORONTO

Il-Kunsill Ewropew ser jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni għas-Summit tal-G20 f'Toronto. Huwa ser jeżamina l-isforzi li qed isiru bl-għan li tissaħħaħ ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza finanzjarja fl-UE u lil hinn minnha.

III. GĦANIJET TA' ŻVILUPP TAL-MILLENNJU

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti t-tħejjijiet għal-Laqgħa Plenarja ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

IV. TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Kummissjoni ser tippreżenta l-komunikazzjoni li jmiss tagħha dwar it-tibdil fil-klima, u ttiprovdi lill-membri tal-Kunsill Ewropew l-opportunità għall-ewwel reazzjoni b'mod partikolari dwar l-ambizzjonijiet Ewropej għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll il-kwistjoni relatata tal-kompetittività.

o
o o

KWISTJONIJIET OĦRA

Il-Kunsill Ewropew ser jassisti għal preżentazzjoni mill-President tal-Grupp ta' Riflessjoni li kien stabbilixxa f'Diċembru 2007.

Huwa ser ikun mistieden ukoll biex japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil.
